MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1452/2002/1

**Avviz Numru 1452/02 AJD**
**Francis u Evelyn konjugi Magro**

**vs**

**William Ambrogio**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Gunju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' elf, tlett mija u tlieta u hamsin lira Maltin (Lm1,353.00) rappresentanti erba' skadenzi kera ghall-perijodu minn Dicembru 2001 sa Lulju 2002 gravanti l-fond ossia garage u ufficju bl-isem 'St. Jude, Triq Stefano Erardi, Iklin kif ukoll fir-rigward tal-fond bl-isem 'Fiori', Triq Stefano Erardi, l-Iklin u dan ai termini tal-iskrittura ta' lokazzjoni bejn il-partijiet kontendenti. Bl-ispejjes. Inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 6 ta' Gunju 2002, u bl-imghax kontra l-konvenut.

Rar-risposta tal-konvenut fejn huwa ecepixxa s-segwenti:
1. Fl-ewwel lok ma gietx prezentata l-iskrittura ta’ lokazzjoni bejn il-partijiet li fuqha hija bbazata t-talba attrici u ghaldaqtant ma ngabitx l-ahjar prova;
2. F’kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mil-atturi m’huwiex dovut u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-digriet tal-21 ta’ Ottubru 2002 fejn giet ordnata korrezzjoni fl-Avviz tat-Talba fis-sens li wara l-kliem ‘Triq Stefano Erardi, l-Iklin’ jizdiedu l-kliem ‘kif ukoll fir-rigward tal-fond bl-isem Fiori, Triq Stefano Erardi, l-Iklin’.

Ra li l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz kif korrett.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni prezentata mill-atturi fejn huma rriducew it-talba taghhom ghal disa’ mija u tlettax il-lira Maltin (Lm913.00).

Sema’ x-xhieda tal-attur Francis Magro li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tal-affidavit tal-istess attur u tad-dokumenti esibiti. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra li l-konvenut qatt ma deher sabiex iressaq il-provi tieghu.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ disa’ mija u tlettax il-lira Maltin (Lm913.00) u bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**

**Gudikatur.**